MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 282/2003

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**AZ Ink Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' tmint elef u tmien mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm8,822.48) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' riklami ppubblikati mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta;

Illi ghalkemm debitament interpellata biex thallas dan l-ammont is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, satnte li l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-istess, u

dan in vista ta’ l-affidavit tas-socjeta` attrici anness mac-citazzjoni skond l-artiklu fuq imsemmi;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmint elef u tmien mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm8,822.48) hawn fuq ismemmija;

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tal-hrug ta' l-"invoices" relattivi sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------